MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1234/2000/1

**Ruth Callus**

**vs**

**Ronald Gerardus Thomas Van Maarschalkerweerd**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Lulju 1997, fir-Registru taz-Zwigijiet, il-Belt, Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. "A", u

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null *stante* illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-

konvenut li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u

Illi *inoltre*, l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, u

Illi *oltre* dan, il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fil-21 ta' Lulju 1997, null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa` ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-4 ta' Jannar 2001 a fol. 13 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa m'huwiex qieghed jopponi t-talbiet attrici u jaqbel mad-dikjarazzjoni guramentata taghha kemm il-darba l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa kolpit;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 13 u 14 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici tat-28 ta’ Novembru 2000 fejn talbet li tinnotifika lill-konvenut wara l-hinijiet legali;
Rat id-digriet tat-18 ta’ Dicembru 2000 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 7 ta’ Frar 2001 fejn giet nominata Dr. Edwina Grima bhala Perit Legali; 13 ta’ Gunju 2001, 19 ta’ Novembru 2001; u 11 ta’ Dicembru 2001.

Rat il-verbali tas-seduti ta’ din il-Qorti kif presjeduta datati 18 t’April 2002; 25 t’April 2002; 5 ta’ Gunju 2002; 13 ta’ Gunju 2002; 24 ta’ Gunju 2002; 30 t’Ottubru 2002 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport u 3 ta’ Dicembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Gunju 2003.

Rat in-nota tal-attrici tas-6 t’Awissu 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Clarissa Caruana;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, is-seduti mizmuma u x-xhieda moghtija;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** tixhed u tghid illi hija ltaqghet mal-konvenut ftit xhur qabel ma izzewgu u dan gewwa xi *night spot* illi hija kienet tiffrekwenta. Huma kienu jmorru tajjeb fil-kumpanija ta' xulxin u kienu johorgu kemm wahedhom kif ukoll mal-hbieb taghhom. Hija tghid illi l-konvenut kellu problema biex jibqa` Malta peress illi ma kellux il-permessi

necessarji biex jirrisjedi f'pajjizna u ghalhekk kien ikollu isiefer lejn pajjizu fuq bazi regolari. Peress illi l-attrici hadtiha bi kbira illi l-konvenut seta` jigi kostrett jitlaq minn Malta, huma iddecidew illi jizzewgu biex ikunu jistghu jibqghu igawdu l-kumpanija ta' xulxin. Hija tghid illi din kienet decizjoni spontanja. F'dan il-punt tghid illi l-uniku haga li kienet torbothom kienet affezzjoni kbira u dana ghaliex bejniethom ma kien hemm l-ebda intimita'. Tkompli tghid illi hija lanqas qalet lill-familjari taghha dwar dan iz-zwieg u dan ghaliex hija ma kenitx tara iz-zwieg taghha bhala *commitment* peress illi kien biss zwieg bir-rit civili u mhux zwieg religjuz. Ghaliha kien biss iz-zwieg religjuz li igib mieghu certu irbit. Tkompli tghid illi hekk kif hadu d-decizjoni li jizzewgu, huma ghamlu l-preparamenti kollha necessarji ghaz-zwieg civili. Hija tghid illi f'dan il-perjodu ma kenitx kuntenta fil-hajja personali taghha u ghalhekk ma qaghditx tqis x'kienu il-konsegwenzi tal-azzjonijiet taghha. Fil-fatt tghid illi lanqas kien jimpurtaha dwar dawn il-konsegwenzi ghaliex l-uniku skop taghha kien illi hija titlaq mid-dar u tkompli bir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Ghaliha dan ma kienx veru zwieg.

Illi wara z-zwieg, imbaghad, l-attrici tghid illi hija baqghet tghix mal-hbieb taghha, filwaqt illi l-konvenut baqa` jghix fl-appartament tieghu fejn hu kien ighix wahdu u okkazjonalment ma' xi hbieb. Hija tghid illi kien hemm xi uhud minn hbiebha li kienu jafu dwar iz-zwieg taghha mal-konvenut, izda hadd mill-familja taghha ma kien jaf. L-attrici tghid illi wara iz-zwieg, ir-relazzjoni taghha mal-konvenut ma baqghetx l-istess. Fil-fatt tghid illi iz-zwieg taghhom qatt ma gie kkunsmat. Wara iz-zwieg saret taf illi l-konvenut kien omosesswali. Hija tghid illi l-konvenut qatt ma stqarr maghha fil-fatt illi hu kien omosesswali, izda hija irrealizzat dan minn dak li kienet tara u tisma`, izda l-iktar mill-mod kif kien igib ruhu maghha l-konvenut. Hija tghid illi din kienet l-ewwel relazzjoni serja illi hija qatt kellha ma' ragel, allura ma setghatx tirrealizza dan qabel iz-zwieg. Madanakollu hija tghid illi li kieku kienet taf b'dan il-fatt qabel iz-zwieg hija xorta wahda kienet tizzewweg ghaliex ma kienx jimpurtaha u dan peress illi ma kellha l-ebda intenzjoni illi tibni familja mal-konvenut. Madwar tminn xhur wara iz-zwieg, l-attrici tghid illi hija u l-konvenut

iddecidew illi jieqfu jiltaqghu u jaraw lil xulxin. Din kienet decizjoni li hadu flimkien u ma kien hemm l-ebda mibgheda bejniethom minhabba din il-firda.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jikkonferma illi hu u l-attrici izzewgu bir-rit civili. Hu ighid illi z-zwieg taghhom kellu bhala bazi l-hbiberija u mhux l-imhabba. Fil-fatt jghid illi ghadhom hbieb sa llum. Hu jkompli jixhed illi ma kienx ihobb lill-attrici, izda kienet toghgbu; ir-relazzjoni taghhom kienet ibbazzata fuq l-affezzjoni. Il-konvenut jikkonferma illi iz-zwieg ta' bejnu u bejn l-attrici qatt ma gie ikkunsmat. Ikompli jghid illi d-decizjoni taghhom biex jizzewwgu ittiehdet b'mod spontanju. Il-konvenut jichad illi qatt kellu problemi biex jibqa Malta u jirrisjedi hawnhekk peress illi hu minn dejjem kellu *work permit*, pero` huwa jaqbel illi t-tnejn li huma hasbu illi z-zwieg kien isolvi b'mod permanenti kwalsiasi problema illi huwa seta` kellu biex jirrisjedi Malta. Lanqas il-familja tal-konvenut ma kienu gew infurmati dwar dan iz-zwieg. Il-konvenut kien qal lil huh biss. Hadd mill-familja tieghu, ghalhekk, ma attenda ghat-tieg, hlief ghal habib tieghu li kien ix-xhud. Huwa ikompli jghid illi id-decizjoni li jizzewgu hadha b'mod legger u ma ghamel l-ebda pjanijiet ghall-futur specjalment rigward il-possibilita' li jibni familja jew li jixtru dar ghalihom it-tnejn. Jikkonferma fix-xhieda tieghu illi hu u l-attrici qatt m’ghexu flimkien wara iz-zwieg. Dar matrimonjali qatt ma kien hemm.  Huwa jghid illi l-attrici okkazzjonalment kienet tmur izzuru fl-appartament tieghu. Jghid illi kien hemm anke zmien fejn hu kien jghix Malta u l-attrici kienet tghix Ghawdex.

## ii) KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DRITT.

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qed tibbaza it-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg li gie iccelebrat bejnha u bejn il-konvenut fuq l-**artikolu 19 (1) (c), (d) u/jew (f) ta'l-Att XXXVII ta'l-1975**. Jidher ukoll mill-eccezzjonijiet intavolati mill-konvenut illi hemm qbil bejn  il-kontendenti illi l-kuntratt taz-zwieg ta' bejniethom huwa kolpit bil-vizzju tal-kunsens previst fis-**subartikolu (1) (f)**.

Illi l-Qorti sejra l-ewwel tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg o meno taht id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 sub-inciz 1(f) tal-Kap. 255** liema artikolu jghid testwalment illi zwieg ikun null:

*"Jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi hawnhekk il-ligi qeghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali.

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma ikunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria  volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione  in senso proprio e' necessaria*

*la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'*** - **Il Sacramento del Matrimonio**)

Il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi il-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat m'huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti il-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha il-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. M'huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` ikun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

"*L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione <u>espressa</u> o <u>esplicita</u>, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato <u>implicitamente</u>. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione <u>implicita</u> vale a dire mediante <u>il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O. Giacchi*** - **Il consenso matrimoniale canonico**).

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kuncett tas-simulazzjoni tal-kunsens matrimonjali, il-Qorti thoss li tista' taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi jidher car mix-xhieda tal-kontendenti illi dan huwa kaz klassiku ta' zwieg ta' konvenjenza, jekk wiehed jista isejjahlu zwieg. Dan qed jinghad ghaliex l-ebda wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga rikjest f'kuntratt ta' zwieg ma gie rrispettat, osservat u applikat mill-kontendenti. Dan il-kuntratt huwa nieqes ghal kollox minn dawk l-elementi li jiffurmaw il-bazi u is-sisien ghat-twelid u l-ghejxien tieghu. Dan in-nuqqas ovvjament gej mill-fatt illi iz-zewg kontraenti bl-iktar mod assolut eskludew mhux wiehed izda l-elementi kollha ta' dan il-kuntratt civili.

Illi mix-xhieda tal-kontendenti jidher illi fl-ewwel lok ma kien hemm l-ebda rabta ta' imhabba tant necessarja biex tinbena relazzjoni matrimonjali - fattur principali nieqes ghal kollox, kif jghidu l-kontendenti, li kienu jqisu r-relazzjoni taghhom bhala wahda ta' "hbiberija" biss. Dan johorg car ukoll mill-fatt illi t-tnejn li huma jghidu illi qatt ma kien hemm l-ebda relazzjoni sesswali bejniethom u ghalhekk per konsegwenza z-zwieg taghhom qatt ma gie ikkunsmat. lanqas biss kien hemm ko-abitazzjoni li hija wahda mill-obbligi ta' kull koppja mizzewga kif jirrizulta minn dak li jiddisponi l-Kodici Civili.

Illi l-attrici kienet tghix mal-hbieb taghha filwaqt illi l-konvenut kien ighix fl-appartament tieghu. Il-konvenut, anzi, jghid illi kien hemm xi zmien fejn l-attrici kienet sahansitra tghix Ghawdex u hu kien jghix Malta. Wiehed jistaqsi, x'kien li jimpedixxi lill-attrici li tmur tghix flimkien mal-konvenut meta dan kellu appartament tieghu? Jidher car ghalhekk illi l-kontendenti izzewgu ghall-konvenjenza, x'aktarx minhabba l-problema illi kellu l-konvenut biex jirrisjedi gewwa Malta kif ukoll bhala eskejpizmu ghall-attrici mill-problemi personali taghha.

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti sehh ftit xhur wara li kienu ltaqghu u nfirdu ukoll ftit xhur wara li kienu izzewgu.

Preparamenti ma kien hemm xejn u hadd mill-familjari taz-zewg partijiet ma gie infurmat dwar dan iz-zwieg, la qabel u lanqas wara. Indikazzjoni cara kemm iz-zwieg ghal kontendenti ma kellu l-ebda konsegwenza serja u kemm ma kienx ta' mportanza ghalihom.

Illi jidher ghalhekk bla ebda dubju illi dan il-kuntratt taz-zwieg qatt ma ha il-hajja u dan peress illi l-kunsens tal-kontraenti kien totalment simulat. L-eskluzjoni pozittiva fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tohrog car mill-fatt illi l-kontendenti qatt m’ghexu flimkien bhala koppja mizzewga u qatt ma kellhom l-intenzjoni li jibnu futur flimkien bhala mizzewgin. Rigward l-allegazzjoni maghmula mill-attrici fuq l-omosesswalita` tal-konvenut, din ma gietx ikkonfermata minn naha tieghu u kwindi l-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn l-allegazzjonijiet ma gewx ippruvati sodisfacentement. Il-fatt illi z-zwieg qatt ma gie ikkunsmat, il-fatt illi l-kontendenti qatt ma ikkoabitaw u fatturi ohra kif spjegati iktar 'il fuq huma bizzejjed biex iwasslu lill-esponenti ghall-konkluzjoni illi z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Lulju 1997 gewwa r-Registru taz-Zwigijiet huwa null u bla effett skond il-ligi u dan *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Illi ghaldaqstant in vista tas-suespost, kemm it-talbiet attrici kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-konvenut huma legalment fondati u in vista tac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, il-Qorti thoss illi l-ispejjez tal-kawza ghandhom gustament jigu ssopportati b'mod ugwali bejn il-kontendenti.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad biss l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma’ dak fuq deciz, **tilqa` t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti, ccelebrat fil-21 ta’ Lulju 1997, null u bla effett, *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (f), tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------